**0213060 Zunnarja bajda**

**0213070 Tursin tuberuż**

**0213080 Ravanell**

**0213090 Sassefrika**

**0213100 Swedes**

**0213110 Kromb**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar id-dejta tossikoloġika tal-metaboliti fil-pjanti bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi mill-ġdid l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-27 ta' Ġunju 2019, jew, in-nuqqas tagħha jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data.

**0220010 Tewm**

**0220020 Basal**

**0220030 Xalotti**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar id-dejta tossikoloġika tal-metaboliti fil-pjanti bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi mill-ġdid l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-27 ta' Ġunju 2019, jew, in-nuqqas tagħha jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data.

**0220040 Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales**

- (+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar id-dejta tossikoloġika tal-metaboliti fil-pjanti bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi mill-ġdid l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-27 ta' Ġunju 2019, jew, in-nuqqas tagħha jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data.
- 0231010 Tadam**
- 0231020 Bżar ħelu (kapsikum)**
- 0233020 Qargħa aħmar**
- 0233030 Dullieġħ**
- 0241010 Brokkli**
- 0241020 Pastard**
- 0242010 Brussels sprouts**
- 0242020 Kaboċċi bir-ras**
- (+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar id-dejta tossikoloġika tal-metaboliti fil-pjanti bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi mill-ġdid l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-27 ta' Ġunju 2019, jew, in-nuqqas tagħha jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data.
- 0251020 Ħass**
- 0270010 Asparagu**
- (+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar id-dejta tossikoloġika tal-metaboliti fil-pjanti bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi mill-ġdid l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-27 ta' Ġunju 2019, jew, in-nuqqas tagħha jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data.
- 0300030 Piżelli**
- 0402010 Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt**
- (+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar id-dejta tossikoloġika tal-metaboliti fil-pjanti bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi mill-ġdid l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-27 ta' Ġunju 2019, jew, in-nuqqas tagħha jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data.
- 0500010 Xgħir**
- 0500050 Ħafur**
- (+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar id-dejta tossikoloġika tal-metaboliti fil-pjanti bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi mill-ġdid l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-27 ta' Ġunju 2019, jew, in-nuqqas tagħha jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data.
- 0500070 Segala**
- 0500090 Qamħ**
- (+) Il-livell massimu ta' residwi applikabbli għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-grupp tal-ħwawar (il-kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-ħxejjex tal-għerq u tat-tuberi (il-kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil fil-livelli permezz tal-ipproċessar (it-tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- 0840040 Għerq tal-mustarda**
- (+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar id-dejta tossikoloġika tal-metaboliti fil-pjanti bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi mill-ġdid l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-27 ta' Ġunju 2019, jew, in-nuqqas tagħha jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data.
- 0900010 Pitravi taz-zokkor**
- 0900030 Għeruq taċ-Ċikwejra"**

(3) Fil-Parti B tal-Anness III, il-kolonna għad-dimetoat titħassar.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1136****tal-14 ta' Ġunju 2017****li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' orijini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiki protetti (Emmental de Savoie (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) B'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba mressqa minn Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Emmental de Savoie", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 <sup>(2)</sup>.
- (2) Permezz tal-ittra tat-23 ta' Novembru 2015, l-awtoritajiet Franċiżi kkomunikaw mal-Kummissjoni li perjodu tranżitorju skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017 ingħata lil operatur li huwa stabbilit fit-territorju tagħhom u li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dak l-Artikolu skont l-Ordni tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-indikazzjoni ġeografika protetta "Emmental de Savoie" ppubblikata fis-7 ta' Novembru 2015 fil-*Journal officiel de la République française* (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża). Matul il-proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali, dan l-operatur, li legalment ikkummerċjalizza l-"Emmental de Savoie" b'mod kontinwu għal mill-inqas ħames snin qabel ma ppreżenta l-applikazzjoni, kien ressaq oppożizzjoni dwar il-porzjon minimu ta' 50 % ta' għalf oħxon aħdar fir-razzjon bażiku tal-baqar tal-ħalib għal mill-inqas 150 ġurnata kull sena. Ir-raġuni għal din l-oppożizzjoni hija li huwa kellu bżonn xi żmien biex jadatta l-azjenda agrikola tiegħu. L-operatur inkwistjoni huwa GAEC Le Seysselan, Vallod, 74910 SEYSSEL.
- (3) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup>, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.
- (4) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna d-denominazzjoni "Emmental de Savoie" (IĠP), hija b'dan approvata.

**Artikolu 2**Il-protezzjoni prevista skont l-Artikolu 1 hija soġġetta għall-perjodu tranżitorju mogħti minn Franza skont l-Ordni tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-indikazzjoni ġeografika protetta "Emmental de Savoie", ppubblikata fis-7 ta' Novembru 2015 fil-*Journal officiel de la République française* skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, lill-operatur li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiki u denominazzjonijiet ta' orijini skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠUL 148, 21.6.1996, p. 1).<sup>(3)</sup> ĠUC 64, 28.2.2017, p. 8.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Phil HOGAN  
Membru tal-Kummissjoni*

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1137****tas-26 ta' Ġunju 2017****li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni applikabbli għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 għal-laħam iffriżat tal-animali bovini**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 188(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 <sup>(2)</sup> fetaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tal-animali bovini.
- (2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk jeħtieġ li jiġi ddeterminat kif jistgħu jinħarġu d-dazji tal-importazzjoni, billi jiġi ffissat il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkolat skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 <sup>(3)</sup> flimkien mal-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, huwa xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin skont ir-Regolament (KE) Nru 431/2008 għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 għandhom jinħarġu skont il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 tad-19 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-animali bovini koperti mill-kodiċi NM 0202 u prodotti koperti mill-kodiċi NM 0206 29 91 (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 3).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).



## ANNEX

| Nru tal-ordni | Koeffiċjent ta' allokkazzjoni — applikazzjonijiet imressqa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 (f%) |
|---------------|---|
| 09.4003       | 35,489750   |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1138

tad-19 ta' Ġunju 2017

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Mercurju fir-rigward tal-adozzjoni tal-kontenut meħtieġ taċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(12) tal-Konvenzjoni u tal-gwida msemmija fl-Artikolu 8(8) u (9) tal-Konvenzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Mejju 2017, il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Mercurju <sup>(1)</sup> (il-"Konvenzjoni") ġiet approvata, f'isem l-Unjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 <sup>(2)</sup>.
- (2) Il-Konvenzjoni ser tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017. L-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (il-"KPK 1") ser issir mill-24 sad-29 ta' Settembru 2017 f'Ġinevra. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-KPK 1.
- (3) L-Artikolu 3(8) tal-Konvenzjoni jirrikjedi li l-Partijiet li għandhom l-intenzjoni li jimportaw il-mercurju minn pajjiż mhux parti jippermettu tali importazzjoni biss bil-kondizzjoni li jiġu pprovduti b'ċertifikazzjoni mill-pajjiż mhux parti li qed jesporta li l-mercurju importat la jkun ġej minn estrazzjoni primarja tal-mercurju u lanqas minn eċċess ta' mercurju mid-dekummissjonar ta' faċilitajiet ta' kloroalkali (iċ-"ċertifikazzjoni").
- (4) L-Artikolu 3(12) tal-Konvenzjoni jipprevedi l-adozzjoni tal-kontenut meħtieġ taċ-ċertifikazzjoni mill-KPK 1. Għalhekk tali kontenut meħtieġ taċ-ċertifikazzjoni ser ikollu effetti legali.
- (5) Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(8) tal-Konvenzjoni, kif ikkomplementat mill-kontenut meħtieġ propost taċ-ċertifikazzjoni.
- (6) L-Artikolu 8(4) tal-Konvenzjoni jirrikjedi li l-Partijiet jiżguraw li punti ta' sorsi ġodda li jaqgħu fi ħdan il-kategoriji tas-sorsi elenkati fl-Anness D jużaw l-aqwa tekniki disponibbli u l-aqwa Prattiki ambjentali disponibbli biex jikkontrollaw u, fejn ikun possibbli, inaqqsu l-emissjonijiet tal-mercurju u tal-komposti tal-mercurju fl-atmosfera.
- (7) L-Artikolu 8(5) tal-Konvenzjoni jipprevedi li l-partijiet għandhom jikkontrollaw u, fejn ikun possibbli, inaqqsu l-emissjonijiet fl-arja tal-mercurju u tal-komposti tal-mercurju mil-punti ta' sorsi eżistenti li jaqgħu fi ħdan il-kategoriji tas-sorsi elenkati fl-Anness D billi jimplimentaw waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin: l-użu tal-aħjar tekniki disponibbli u l-aħjar Prattiki ambjentali; l-istabbiliment ta' miri kwantifikati jew ta' valuri ta' limitu tal-emissjonijiet; l-istabbiliment ta' strateġija ta' kontroll multinkwinanti; jew ta' miżuri alternattivi.

<sup>(1)</sup> ĠUL 142, 2.6.2017, p. 6.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Mercurju (ĠUL 142, 2.6.2017, p. 4).

<sup>(3)</sup> Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-mercurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠUL 137, 24.5.2017, p. 1).

- (8) L-Artikolu 8(7) tal-Konvenzjoni jirrikjedi li l-Partijiet jistabbilixxu u jżommu inventarju tal-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-atmosfera.
- (9) L-Artikolu 8(8) tal-Konvenzjoni jistipula li l-KPK 1 għandha tadotta gwida dwar l-aħjar tekniki disponibbli u l-aħjar prattiki ambjentali, filwaqt li tqis kwalunkwe differenza bejn is-sorsi l-ġodda u dawk eżistenti u tqis il-ħtieġa li jiġu mminimizzati l-effetti transmedjali, u għandha ukoll tadotta gwida mmirata li tappoġġa l-Partijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 8(5), b'mod partikolari biex jiddeterminaw il-miri u jistabbilixxu l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet.
- (10) L-Artikolu 8(9) tal-Konvenzjoni jipprevedi l-adozzjoni mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, malajr kemm jista' jkun, ta' gwida dwar il-kriterji li l-Partijiet jistgħu jiżviluppaw skont l-Artikolu 8(2)(b), meta jagħżlu li japplikaw miżuri ta' kontroll dwar l-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja biss għall-punti ta' sors li jkunu f'kategorija partikolari ta' sorsi elenkata fl-Anness D, bil-kundizzjoni li mill-inqas 75 fil-mija tal-emissjonijiet tal-kategorija ta' sorsi kkonċernata jkunu koperti, u ta' gwida dwar il-metodoloġija li għandha tintuża għat-tħejija tal-inventarji tal-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja.
- (11) It-tieni sentenza tal-Artikolu 8(10) tal-Konvenzjoni tispeċifika li l-Partijiet għandhom jieħdu kont tal-gwida meta jimplementaw id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Artikolu. Għalhekk din il-gwida ser ikollha effetti legali.
- (12) Il-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar tal-Konvenzjoni, fis-seba' sessjoni tiegħu li saret mill-10 sal-15 ta' Marzu 2016 fil-Ġordan, adotta, fuq bażi provviżorja, fl-istennija ta' adozzjoni formali mill-KPK 1, l-erba' dokumenti ta' gwida msemmija fl-Artikolu 8(8) u (9) tal-Konvenzjoni.
- (13) Il-leġislazzjoni tal-Unjoni, inklużi d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> hija konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, kif ikkomplementat mill-gwida proposta.
- (14) Għalhekk jenħtieġ li l-kontenut meħtieġ propost taċ-ċertifikazzjoni u l-erba' dokumenti ta' gwida proposti jiġu appoġġati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

#### Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fl-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (il-"Konvenzjoni"), għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-kontenut meħtieġ taċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(12) u tal-gwida msemmija fl-Artikolu 8(8) u (9) tal-Konvenzjoni.

Bidliet minuri fid-dokumenti msemmija fl-ewwel paragrafu jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

#### Artikolu 2

Id-Deċiżjoni(jiet) tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni li tadotta/jadottaw id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1 għandha/għandhom tiġi/jiġu ppubblikata(i) f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

<sup>(2)</sup> Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. HERRERA

---

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1139****tat-23 ta' Ġunju 2017****li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri***(notifikata bid-dokument C(2017) 4450)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/247 <sup>(3)</sup> ġiet adottata wara t-tifqigħat tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5 f'għadd ta' Stati Membri ("l-Istati Membri kkonċernati") u l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati skont id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE <sup>(4)</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 tistipula li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati skont id-Direttiva 2005/94/KE għandhom jinkludu mill-anqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 tistipula wkoll li l-miżuri li jridu jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif previst fl-Artikolu 29(1) u fl-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE, iridu jinżammu tal-inqas sad-dati għal dawk iż-żoni stabbiliti fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.
- (3) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 ġie emendat sussegwentement bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/417 <sup>(5)</sup>, (UE) 2017/554 <sup>(6)</sup>, (UE) 2017/696 <sup>(7)</sup>, (UE) 2017/780 <sup>(8)</sup>, (UE) 2017/819 <sup>(9)</sup>, u (UE) 2017/977 <sup>(10)</sup>, sabiex jitqiesu l-bidliet fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2005/94/KE, wara li sehew aktar tifqigħat tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5 fl-Unjoni. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/696 sabiex jiġu stipulati regoli rigward kif jintbagħtu l-konsenji ta' flieles ta' ġurnata miż-żoni elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247, wara ċertu titjib fil-qagħda epidemjoloġika fir-rigward ta' dak il-virus fl-Unjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 395, 30.12.1989, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠUL 224, 18.8.1990, p. 29.

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/247 tad-9 ta' Frar 2017 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠUL 36, 11.2.2017, p. 62).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠUL 10, 14.1.2006, p. 16)

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/417 tas-7 ta' Marzu 2017 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠUL 63, 9.3.2017, p. 177).

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/554 tat-23 ta' Marzu 2017 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠUL 79, 24.3.2017, p. 15).

<sup>(7)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/696 tal-11 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠUL 101, 13.4.2017, p. 80).

<sup>(8)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/780 tat-3 ta' Mejju 2017 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠUL 116, 5.5.2017, p. 30).

<sup>(9)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/819 tat-12 ta' Mejju 2017 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠUL 122, 13.5.2017, p. 76).

<sup>(10)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/977 tat-8 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠUL 146, 9.6.2017, p. 155).

- (4) Barra minn hekk, il-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 ittawwal sal-31 ta' Diċembru 2017 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/977, sabiex jitqiesu d-dati għall-implimentazzjoni tal-miżuri fiż-żoni l-ġodda elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/977.
- (5) Is-sitwazzjoni inġenerali tal-marda fl-Unjoni qed tkompli tmur għall-aħjar. Mid-data li fiha saret l-aħħar emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/977, il-Belġju biss identifika tifqigħat ġodda tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'azjendi tat-tjur mhux selvaġġ. Innotifika wkoll lill-Kummissjoni li ħa l-miżuri neċessarji meħtieġa skont id-Direttiva 2005/94/KE, fosthom l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar daww l-azjendi infettati. F'dak li għandu x'jaqsam ma' tifqigħat oħra fil-Belġju f'azjendi żgħar mhux kummerċjali, wara valutazzjoni tar-riskju l-awtorità kompetenti tat deroga mir-rekwiżiti tal-istabbiliment taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif previst fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2005/94/KE.
- (6) Franza wkoll stabbiliet żona ta' sorveljanza skont id-Direttiva 2005/94/KE, b'rabta mat-tifqigħat reċenti kkonfermati f'azjendi tat-tjur mhux selvaġġ fil-Belġju, viċin il-fruntiera ma' Franza.
- (7) Il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri meħuda mill-Belġju u Franza skont id-Direttiva 2005/94/KE, wara t-tifqigħat reċenti tal-influwenza avjarja tas-sottotip H5N8 fil-Belġju, u ħarġet sodisfatta li l-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Belġju u ż-żona ta' sorveljanza stabbilita fi Franza, jinsabu l bogħod biżżejjed minn kwalunkwe azjenda li fiha għiet ikkonfermata tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5, u li d-deroga mir-rekwiżiti tal-istabbiliment taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, mogħtija mill-awtorità kompetenti fil-Belġju, saret skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2005/94/KE.
- (8) Sabiex jiġi evitat kull xkiel bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u biex jiġi evitat li pajjiżi terzi jimponu ostakli mhux iġġustifikati għall-kummerċ, jenħtieġ li jiġu deskritti malajr fil-livell tal-Unjoni, b'kollaborazzjoni mal-Belġju u ma' Franza, iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fil-Belġju u kif ukoll iż-żona ta' sorveljanza stabbilita fi Franza, skont id-Direttiva 2005/94/KE, wara t-tifqigħat reċenti fil-Belġju. Għalhekk, jenħtieġ li ż-żoni l-ġodda għall-Belġju u Franza jiddaħħlu fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ ukoll li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 jiġi emendat biex jaġġorna r-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex tinkludi ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fil-Belġju, u ż-żona ta' sorveljanza stabbilita fi Franza, skont id-Direttiva 2005/94/KE u t-tul ta' żmien tar-restrizzjonijiet li japplikaw fihom.
- (10) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEXS

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti A, l-entrata li ġejja dwar il-Belġju tiddaħħal qabel l-entrata tal-Bulgarija:

**“Stat Membru: Il-Belġju**

| Żona li tkopri:   | Id-data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2005/94/KE |
|---|---|
| Een 3 km zone rond de haard in Oostkamp (N51.115900 — E3.191884).<br>De zone omvat straat(secties) in de gemeenten Zedelgem en Oostkamp.    | 7.7.2017  |
| Een 3 km zone rond de haard in Menen (N50.799130- E3.213860).<br>De zone omvat straat(secties) in de gemeenten Menen, Wevelgem en Kortrijk. | 8.7.2017”   |

(2) Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(a) L-entrata li ġejja dwar il-Belġju tiddaħħal qabel l-entrata tal-Bulgarija:

**“Stat Membru: Il-Belġju**

| Żona li tkopri:  | Id-data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE |
|--|--|
| De zone omvat de gemeenten Zedelgem en Oostkamp en delen van de gemeenten Jabbeke, Brugge, Beernem, Wingene, Pittem, Lichtervelde, Torhout en Ichtegem.<br>De zone omvat in wijzerzin:<br>— de spoorweg Oostende — Brugge<br>— Expresweg<br>— Bevrijdingslaan<br>— Hoefijzerlaan<br>— Koning Albertlaan<br>— Buiten Begijnvest<br>— Buiten Katelijnevest<br>— Buiten Gentpoortvest<br>— Generaal Lemanlaan<br>— Astridlaan<br>— Bruggestraat<br>— Beverhoutsveldstraat<br>— Akkerstraat<br>— Parkstraat<br>— Stationstraat<br>— Wingene Steenweg<br>— Reigerlostraat<br>— Torenweg<br>— Vagevuurstraat<br>— Bruggesteenvweg<br>— Predikherenstraat | 16.7.2017  |

| Żona li tkopri:   | Id-data sa meta applikabbi skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE |
|---|---|
| <ul style="list-style-type: none"> <li>— Rakestraat</li> <li>— Keukelstraat</li> <li>— Balgenhoekstraat</li> <li>— Ruiseledesteenweg</li> <li>— Tieltstraat</li> <li>— Kapellestraat</li> <li>— Kokerstraat</li> <li>— Egemsestraat</li> <li>— Wingensesteenweg</li> <li>— Egemveldweg</li> <li>— Grootveldstraat</li> <li>— Schoolstraat</li> <li>— Marktplein</li> <li>— Lichterveldestraat</li> <li>— Zegwegestraat</li> <li>— Sprietstraat</li> <li>— Zwevezelestraat</li> <li>— Koolkampstraat</li> <li>— Ringlaan</li> <li>— Brugsebaan</li> <li>— Roeselaarseweg</li> <li>— Vredelaan</li> <li>— Oostendestraat</li> <li>— Wijnendale-Molenstraat</li> <li>— Smissestraat</li> <li>— Spoorwegstraat</li> <li>— Schoolstraat</li> <li>— Torhoutbaan</li> <li>— Korenstraat</li> <li>— Heuvelstraat</li> <li>— Zuidstraat</li> <li>— Mitswegestraat</li> <li>— Achterstraat</li> <li>— Bruggestraat</li> <li>— Barletegemweg</li> <li>— Aatrijksesteenweg</li> <li>— Dorpstraat</li> <li>— Stationsstraat</li> <li>— Expressweg</li> <li>— de spoorweg/le chemin de fer Oostende — Brugge</li> </ul> |   |
| <p>Een 3 km zone rond de haard in Oostkamp (N51.115900 — E3.191884).</p> <p>De zone omvat straat (secties) in de gemeenten Zedelgem en Oostkamp.</p>  | <p>mit-8.7.2017 sas-16.7.2017</p>                                       |



| Żona li tkopri:  | Id-data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE |
|--|--|
| <p>De zone omvat de gemeenten Menen en Wevelgem en delen van de gemeenten Wervik, Moorslede, Ledegem, Izegem, Lendeledede, Kuurne, Harelbeke, Deerlijkje, Zwevegem, Kortrijk en Mouscron.</p> <p>De zone omvat in wijzerzin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— de Franse grens</li> <li>— Busbekestraat</li> <li>— Laagweg</li> <li>— Vagevuurstraat</li> <li>— Hoogweg</li> <li>— Calvariestraat</li> <li>— N58</li> <li>— Geluwesesteenweg</li> <li>— Wervikstraat</li> <li>— Sint Denijsplaats</li> <li>— Beselarestraat</li> <li>— Magerheidstraat</li> <li>— A19</li> <li>— Dadizelestraat</li> <li>— Geluwestraat</li> <li>— Beselarestraat</li> <li>— Plaats</li> <li>— Ledegemstraat</li> <li>— Dadizelestraat</li> <li>— Papestraat</li> <li>— Stationsstraat</li> <li>— Sint-Eloois-Winkelstraat</li> <li>— Rollegemstraat</li> <li>— Sint-Jansplein</li> <li>— Sint-Janstraat</li> <li>— Rollegemkapelsestraat</li> <li>— A17/E403</li> <li>— Woestijnstraat</li> <li>— Meensesteenweg</li> <li>— Woestynestraat</li> <li>— Bosmolenstraat</li> <li>— Geitestraat</li> <li>— Roterijstraat</li> <li>— Beiaardstraat</li> <li>— Molenstraat</li> <li>— Kortrijksestraat</li> <li>— Winkelsestraat</li> <li>— Stationsstraat</li> <li>— Hulstemolenstraat</li> <li>— Rijksweg</li> <li>— Roeselaarseweg</li> </ul> | 17.7.2017  |

| Żona li tkopri:   | Id-data sa meta applikabbi skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE |
|---|---|
| <ul style="list-style-type: none"> <li>— Marichaalstraat</li> <li>— N36</li> <li>— Ringlaan</li> <li>— Stationsstraat</li> <li>— Pladijsstraat</li> <li>— Kleine Brandstraat</li> <li>— Deerlijkstraat</li> <li>— N391/Kanaalweg</li> <li>— Keiberg</li> <li>— Avelgemstraat</li> <li>— Kastanjeboomstraat</li> <li>— Hoogstraat</li> <li>— Perrestraat</li> <li>— Vinkestraat</li> <li>— Marquettestraat</li> <li>— Brucqstraat</li> <li>— Zandbeekstraat</li> <li>— Beerbosstraat</li> <li>— Doornikserijsweg</li> <li>— Kanadezenlaan</li> <li>— Lagestraat</li> <li>— Frankrijkstraat</li> <li>— Herseauxlaan</li> <li>— Rue de Roubaix</li> <li>— Chaussée d'Estampuis</li> <li>— de Franse grens</li> </ul> |   |
| <p>Een 3 km zone rond de haard in Menen (N50.7991 30- E3.213860).<br/>De zone omvat straat(secties) in de gemeenten Menen, Wevelgem en Kortrijk.</p>  | mid-9.7.2017 sas-17.7.2017”   |

(b) L-entrata għal Franza tinbidel b'dan li ġej:

**“Stat Membru: Franza**

| Żona li tkopri:  | Id-data sa meta applikabbi skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE |
|--|---|
| <p>Les communes suivantes dans le département du Nord:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Bousbecque</li> <li>— Halluin</li> <li>— Neuville en Ferrain</li> <li>— Roncq</li> <li>— Tourcoing</li> <li>— Wattrelos</li> </ul> | 17.7.2017”  |

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1140

tat-23 ta' Ġunju 2017

**dwar id-dejta personali li tista' tiġi skambjata permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni (EWRS) stabbilita skont id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu kkoordinati l-miżuri ta' rintraċċar tal-kuntatti b'rabta mat-theddid serju transfruntier għas-saħħa**

(notifikata bid-dokument C(2017) 4197)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> stabbiliet sistema ta' twissija bikrija u ta' reazzjoni ("EWRS") bħala netwerk ta' komunikazzjoni permanenti bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċerti kategoriji ta' mard komunikabbli. Il-proċeduri li jirregolaw il-funzjonament tal-EWRS ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/57/KE<sup>(2)</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2119/98/KE tħassret u ġiet issostitwita bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup>. Id-Deċiżjoni l-ġdida reġgħet daħħlet fis-seħħ l-EWRS. Hija estendiet ukoll l-ambitu tan-netwerk ta' komunikazzjoni permanenti biex ikopri tipi oħra ta' theddid bijoloġiku, u kategoriji oħra ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa, inkluż theddid ta' oriġini kimika, ambjentali jew ta' oriġini mhux magħrufa. Barra minn hekk, hija stabbiliet ir-regoli dwar is-sorveljanza epidemoloġika, il-monitoraġġ, it-twissija bikrija tat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa, u l-ġlieda kontra tiegħu.
- (3) Id-Deċiżjoni 2000/57/KE tħassret u ġiet issostitwita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/253<sup>(4)</sup>.
- (4) Skont l-Artikolu 9(3)(i) tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE, in-notifika ta' theddid serju transkonfinali għas-saħħa permezz tal-EWRS jeħtieġ li tinkludi d-dejta meħtieġa li tippermetti l-identifikazzjoni tal-persuni infettati u tal-individwi li jistgħu jkunu fil-periklu ("id-dejta għar-rintraċċar tal-kuntatti"). Bi qbil mal-Artikolu 16(9)(b) ta' dik id-Deċiżjoni u mal-għan li tiġi żgurata l-effikazzja u l-applikazzjoni uniformi ta' dawn in-notifiki, jixraq li tiġi rakkomandata lista indikattiva tad-dejta personali li tista' tintbagħat mill-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS.
- (5) L-iskambju ta' dejta personali permezz tal-EWRS jeħtieġ li jsir skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(5)</sup> u tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(6)</sup>. Filwaqt li, bħala regola ġenerali, id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 jipprekludu l-ipproċessar ta' dejta personali, anki dik id-dejta marbuta mas-saħħa ta' individwu, b'danakollu dan l-ipproċessar

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabbiliment ta' netwerk għas-sorveljanza epidemoloġika u kontroll ta' mard li jinxtered fil-Komunità (ĠUL 268, tat-3.10.1998, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/57/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar is-sistema ta' twissija bikrija u ta' reazzjoni għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed taħt id-Deċiżjoni 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 21, 26.1.2000, p. 32).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠUL 293, 5.11.2013, p. 1).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/253 tat-13 ta' Frar 2017 li tistabbilixxi l-proċeduri għan-notifika ta' twissijiet bħala parti tas-sistema ta' twissija bikrija u ta' reazzjoni stabbilita b'rabta mat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa u għall-iskambju ta' informazzjoni, ta' konsultazzjoni u ta' koordinazzjoni ta' reazzjonijiet għal theddid bħal dan skont id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 37, 14.2.2017, p. 23).

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠUL 281, 23.11.1995, p. 31).

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta (ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1).

huwa awtorizzat safejn ikun meħtieġ biex iħares l-interessi ta' importanza kritika tas-suġġett tad-dejta, bi qbil mal-Artikolu 8(2)(c) tad-Direttiva 95/46/KE u mal-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, kif ukoll għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, soġġett li jitwettqu s-salvagwardji x-xierqa stipulati fil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru, rispettivament skont l-Artikoli 8(4) u 10(4) ta' dawk l-atti.

- (6) Id-dejta personali li tkun meħtieġa għall-iskopijiet imsemmijin hawn fuq biss, skont kif jiġi ddeterminat każ b'każ, għandha tiġi skambjata permezz tal-EWRS, u din ir-Rakkomandazzjoni ma tikkostitwixxi awtorizzazzjoni biex tiġi skambjata kull tip ta' dejta personali kkonċernata.
- (7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ta opinjoni fl-24 ta' Awwissu 2015 (C 2015-0629).

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

1. Fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni tinsab lista indikattiva tad-dejta personali li tista' tiġi skambjata għall-għan tal-miżuri ta' koordinazzjoni u rintraċċar tal-kuntatti.
2. Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

**Lista indikattiva tad-dejta personali li tista' tiġi skambjata għall-iskop tal-miżuri ta' koordinazzjoni tar-rintraċċar tal-kuntatti**

## 1. INFORMAZZJONI PERSONALI

- L-isem u l-kunjom,
- In-nazzjonalità, id-data tat-twelid, is-sess,
- Il-pajjiż ta' residenza,
- Tip ta' dokument tal-identità, numru u l-awtorità li ħarġitu;
- L-indirizz attwali tad-dar jew tar-residenza (l-isem tat-triq u n-numru tal-bieb, il-belt, il-pajjiż, il-kodiċi postali),
- Numri tat-telefown (mowbajl, residenzjali, tan-negozju),
- Indirizz elettroniku (privat, negozju).

## 2. SPEĊIFIKAZZJONIJIET DWAR IL-VJAĠĠ

- Id-dejta dwar il-mezz tat-trasport (eż in-numru tat-titjira, id-data tat-titjira, isem il-vapur, in-numru tal-pjanċa),
- In-numru/i tas-sit(s),
- In-numru/i tal-kabina/i.

## 3. INFORMAZZJONI DWAR IL-KUNTATTI

- L-ismijiet tal-persuni li jkun żar l-individwu/il-postijiet tal-alloġġ tagħhom,
- Id-dati u l-indirizzi tal-postijiet ta' alloġġ (isem it-triq u n-numru tal-bieb, il-belt, il-pajjiż, il-kodiċi postali),
- Numri tat-telefown (mowbajl, residenzjali, tan-negozju),
- Indirizz elettroniku (privat, negozju).

## 4. INFORMAZZJONI DWAR IL-PERSUNI AKKUMPANJANTI

- L-isem u l-kunjom,
- Nazzjonalità,
- Il-pajjiż ta' residenza,
- It-tip tad-dokument tal-identità, in-numru tiegħu u l-awtorità li ħarġitu,
- L-indirizz attwali tad-dar (l-isem tat-triq u n-numru tal-bieb, il-belt, il-pajjiż, il-kodiċi postali),
- Numri tat-telefown (mowbajl, residenzjali, tan-negozju),
- L-indirizz elettroniku (privat, tan-negozju).

## 5. DETTALJI TA' KUNTATT TA' EMERĠENZA

- Isem il-persuna li trid tiġi kkuntattjata,
  - L-indirizz (isem it-triq u n-numru tal-bieb, il-belt, il-pajjiż, il-kodiċi postali),
  - In-numri tat-telefown (mowbajl, residenzjali, tan-negozju),
  - L-indirizz elettroniku (privat, tan-negozju).
-





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**